**MALTA**
**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2018

Avviz nru: 405/2017 AM3

Numru fuq il-lista: 2

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**Vs**

**Charmaine Cassar (465777M)**

**Flat 8 Bieb B**

**Telghet Rahal Gdid,**

**Paola**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-ewwel (01) ta' Settembru, 2017 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenuta s-somma ta' disa' mija u sitta u sittin ewro u sitta u tmenin centezmu (€966.86c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont fil-kont bin-numru 40490982.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta u dehret ghas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2017 u ammettiet it-talba.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet it-talba ghas-somma ta' sitt mija u sittiax il-ewro u sitta u tmenin centezmu (€616.86c).

Ra x-xhieda bil-gurament ta' Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li permezz tieghu kkonfermat li l-bilanc ta' sitt mija u sittax-il ewro u sitta u tmenin centezmu (€616.86c) ghadu dovut.

Ra li l-konvenuta fis-seduta tad-09 ta' Frar, 2018 ghalkemm imsejha tlett darbiet baqghet ma dehritx.

Ra li s-socjeta' attrici ghalqet il-provi u l-ammissjoni tal-konvenuta.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuta u anke mill-provi prodotti dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sittax-il ewro u sitta u tmenin centezmu (€616.86c) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Gunju, 2016 d-data tal-ittra ufficjali 1236/16 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż , inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**